ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 32 IT-TNEJN, 3 TA' LULJU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (attenda fis-7.10pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt. Is-Sindku ta

merħba lill-Kunsillier Daniel Bugeja li ġie elett proprju aktar kmieni illum wara elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Rosianne Cutajar. Il-ġurament tal-ħatra mill-Kunsillier Daniel Bugeja ttieħed proprju qabel il-laqgħa fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef.

**32/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**32/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Reno Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.
.

**32/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 30**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 30 li nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 30 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**32/02/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 31**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 31 li nżammet nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 31 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**32/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**32/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li f'laqgħa li saret ma' Transport Malta dwar soluzzjoni għal junction li hemm fi Triq is-Sebħ ma' Triq in-Negozju, fuq proposta tas-Sindku stess se titressaq il-ispeed camera eżistenti ħalli l-vetturi jnaqqsu l-veloċita qabel tasal il-junction u jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti.

**32/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li fuq talba tal-Kunsill il-pelican lights li saru fi Triq Ġuże Duca (ħdejn Ta' Ganza), se jsir studju biex dawn jitpoġġew f'post alternattiv peress li l-post preżenti jista' jkun ta' periklu.

**32/03/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li t-talba tas-Soċjeta Filarmonika Pinto biex tingħalaq Triq San Sebastjan fil-ġimgħa tal-festa ħalli jitpoġġa l-planċier ġiet aċċettata minn Transport Malta. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** kompla li se jkun hemm gwardjani lokali biex jimmaniġġjaw it-traffiku bejn is-7am u d-9am ta' kull jum sakemm iddum magħluqa. **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** rrimarka li dan l-għeluq se jkun qed jikkrea problemi ta' traffiku u jeħtieġ li jsiru l-isforzi kollha biex l-inkonvenjent ikun minimu. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li l-Kunsill ħa jkun qed jevalwa s-sitwazzjoni peress li din hija l-ewwel sena li l-planċier qed ikun armat billi jagħlaq Triq San Sebastjan filwaqt li s-sena d-dieħla jkun jista' jiddeċiedi fuq l-esperjenza ta' din is-sena.

**32/03/04** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia attenda għal-laqgħa f'dan l-istadju tal-laqgħa.**

**32/03/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispodenza mill-Maltapost plc dwar talba għal no objection sabiex titressaq letter box minn Triq il-Barrakki għal Pjazza Federico Maempel. Il-Kunsill approva nem.con. Madanakollu fuq talba tal-**Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** l-Kunsill fl-istess ittra għandu jfakkar fit-talba biex tiżdied letterbox fi Triq il-Wied, liema talba kienet ġiet irrifjutata fil-passat. **DOK A1**

**32/03/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li daħlet applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar (PC35/17) dwar bdil fiz-*zoning* biex art agrikola fi Triq id-Deheb Fin jkun jista' jsir żvilupp. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill jerġa joġġezzjona għal din l-applikazzjoni li kienet diġa tressqet sentejn ilu u terġa titressaq il-petizzjoni tar-residenti kontra

din l-applikazzjoni. **DOK A2**

**32/03/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq applikazzjoni PA6578/16 li tikkonsisti fi żvilupp industrijali f'tal-Ħandaq. Peress li parti mill-iżvilupp se jkun barra mill-containment area, il-Kunsill se jkun qed joġġezzjona permezz tar-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-bord tad-*DCC* tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel li se jkun qed jitlob li ssir *PC application* minħabba bidla fl-alignment ta' triq filwaqt li se jkun qed jitlob li jkun hemm kundizzjonijiet li jissalvagwardja l-interessi partikolarment l-aċċess ta' terzi. **DOK A3**

**32/04** **RAPPORTI**

**32/04/01** **DISKUSSJONI DWAR IL-KUNTRATTI TAT-TINDIF EŻISTENTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li fl-ewwel ġimgħat tiegħu bħala Sindku flimkien mal-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi saru laqgħat mal-kuntratturi tat-tindif kollha peress li dan is-settur kien f'sitwazzjoni mhux aċċettabbli. Is-Sindku Jesmond Aquilina kompla li ingħata avviż lill-kuntrattur taż-żamma tal-latrina ta' Pjazza Narbona peress li din kienet fi stat ħażin u l-Kunsill ħa ħsieb li jagħmel il-manutenzjoni tagħha permezz tal-ħaddiema assenjati mar-Reġjun. Fir-rigward tal-latrina li tinsab fi Pjazza Federico Maempel ittieħdet deċiżjoni biex din tingħalaq fit-8.30pm minħabba l-abbużi ta' droga li kien qed isiru fiha. **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** irrimarka li minkejja li kien hemm nuqqasijiet kbar fit-tindif, wara dawn il-laqgħat ġa beda jidher il-progress speċjalment fil-periferji tal-lokalita'.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** kompla li l-Kunsill se jkun qed jaħsel partijiet minn toroq li jinsabu maħmuġin ħafna, bħal Triq San Ġużepp u Ġnien l-Armier. Is-Sindku Jesmond Aquilna fil-fatt ippropona li l-Kunsill jagħmel CCTV f'dawn iż-żewġ postijiet ħalli tibda tittieħed azzjoni kontra minn qed jabbuża. Il-Kunsill approva *nem.con*.

Fuq din il-materja, l-**Kunsillier Daniel Bugeja** ġibed l-attenzjoni dwar friegħi ta' siġar li hemm fi Ġnien De La Cruz li hemm bżonn jitneħħew, u l-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** dwar bżonn ta' tindif fi Triq is-Sebħ.

**32/04/02** **PREPARAZZJONI TA' KUNTRATTI ĠODDA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-bżonn li jibdew isiru l-preparamenti ta' kuntratti ġodda li waslu biex jiskadu, jiġifieri tat-Tindif taż-żona Non Urban u tal-Ġbir ta' Skart li kien ġie mġedded sa' 31 ta' Jannar 2018.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li fir-rigwar tal-offerta ta' tindif taż-żona rurali, għandu jkun hemm tibdil fid-dokument fejn għandu jkun aktar speċifiku dwar il-frekwenzi partikolarment ta' ċertu postijiet li għalkemm jinsabu f'żona rurali huma ffrekwentati ħafna mill-pubbliku.

**32/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**32/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera se jkunu jistgħu jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill.

**32/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**32/06/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera se jkunu jistgħu jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsilliera xtaqu jressqu dawn il-veduti:

**Il-Kunsillier Renald Falzon** irringrazzja lis-Sindku tal-opportunita' kif ukoll tas-sapport li wera miegħu l-Kunsill f'mumenti diffiċli ta' saħħa li jinsab għaddej minnhom.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** awgura lill-Kunsillier il-ġdid fil-kariga tiegħu u rringrazzja lis-Sindku tal-fiduċja li wera fih bil-konferma tal-karigi li assenjalu filwaqt li se jkun qed jagħmel ħiltu fil-kariga ġdida tal-Customer Care.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** qal li jinsab ċert li kif sar fil-passat il-Kunsilliera se jkunu qed iġiebu l-ewwel u qabel kollox lil Ħal Qormi filwaqt li rringrazzja lis-Sindku tal-opportunita' li se jkun qed jagħti f'kull laqgħa tal-Kunsill biex Kunsillier iressaq rapport/veduti dwar il-ħidma tiegħu.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** irringrazzjat lis-Sindku tar-responsabbilta' li qed jassenjaha peress li hija relatata ħafna mal-istudji tagħha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** feraħ lill-kunsillier Daniel Bugeja fil-kariga ġdida tiegħu ta' Kunsillier filwaqt li saħaq li l-Kunsill għandu jibqa' jaħdem kif ħadem dejjem jiġifieri b'imparzjalita' u għaqda bejn l-Kunsilliera.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** feraħ lill-Kunsillier Daniel Bugeja filwaqt li qal li qed jaħdem fuq diversi proġetti fosthom dwar proġett ta' Corporate Social Responsability liema proġett se jkun qed jaħdem mill-qrib mal-Kunsillier Ralph Puli.

**32/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2017
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2017
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**32/08 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABILITAJIET TAL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li wara li kien hemm tibdil fis-sindakat, kif ukoll kunsillier ġdid, huwa ħass li jassenja mill-ġdid ir-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera, li diġa ġew ikkomunikati lill-kunsilliera f'laqgħat li saru ma' kull wieħed u waħda minnhom.

Ir-responsabbiltajiet l-ġodda lill-kunsilliera ġew assenjati kif ġej:-

**Sindku Jesmond Aquilina**
Chairman Kumitat Finanzi
Chairman Kumitat Proġetti
Kultura u Wirt Storiku
Għaqdiet Lokali
Attivitajiet tal-Kunsill
Editur Dielja

**Viċi Sindku Bjorn Azzopardi**
Viċi Chairman Kumitat Finanzi
Viċi Chairman Kumitat Proġetti
Ambjent Indafa u Widien (Ġonna Publici, Latrini, Ġbir ta' skart, Bulky Refuse, Tindif Non urban, Spazji miftuha, Knis, Riċiklagg, Enerġija Alternattiva, Tnaqqis ta' tniġġiż u proġetti ambjentali

**Renald Falzon**
Traffic Management u Ordni Pubblika
Lesa
Rappreżentant tal-Kunsill fil-Reġjun
Tabelli u sinjali tat-traffiku
Trasport Pubbliku
Street Furniture
Bus Shelter
Permessi tal-Gabbani fil-festi
Permessi Xogħlijiet fit-toroq u relazzjonijiet mal-pulizija
Parking Sensors Project,
Ismijiet tat-Toroq

**Josef Aquilina**
Anzjani
Persuni b'dizabilita
Animal Welfare

**Marvin Zammit**
Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Street Lighting u proġetti relatati ma' Energy saving
Gal Xlokk Rappreżentant

**Antoine Saliba Haig**
Zghazagh
Sports - Attivitajiet Sportivi
Customer Care
Youth Empowerment
Ambaxxatur taz-Zghazagh

Effiċjenza Customer Care

**Daniel Bugja**
Edukazzjoni
Korsijiet
Libreriji pubbliċi
Kampanji edukattivi

**Ralph Puli**
Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Relazzjonijiet u inizjattivi ma' intrapriżi lokali
Saħħa u Sigurta fil-postijiet tax-xogħol

**Martina Brancaleone**
Saħħa
Ħarsien Socjali (Familji fil-bzonn u problemi socjali)

**Jerome Caruana Cilia**
Proġetti u Finanzi mill-EU

**Robert Cremona**
PR u kommunikazzjoni,
Website u media socjali
Viċi Editur Dielja

**32/09 MOZZJONIJIET**

**32/09/01 MOZZJONI 53/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li tiġi irranġata u llustrata l-għamara tal-Uffiċċju tal-kunsill ,tiġi mibdula t-tapezzerija tas-siġġijiet u jsiru purtieri ġodda li jaqblu mat-tapezzerija tas-siġġijiet.*

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 53/2017 u għaldaqstant għandhom jintalbu kwotazzjonijiet biex isir dan ix-xogħol.

**32/10 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 ta’ filgħaxija.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 7 ta’ Awwissu 2017.**